# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 1012/12/1 JA**

**Ludgarda mart Edgar Cachia, Mary Ann mart Philip Mizzi, Eugenio Cardona, Paul Cardona u Doreen mart Salvatore Agius**

**v.**

**Carmela *sive* Carmen Mizzi, Joseph mary *sive* Joseph Cardona, Catherine mart George Micallef, Maria Theresa *sive* Marthese mart Joseph Vella u Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Alison Wadge li b'digriet tal-14 ta' Novembru 2012 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Giorgina mart Joseph Demicoli u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2013, l-imsemmija kuraturi deputati ġew estromessi mill-kawża u minflokhom assuma l-atti John Mizzi bħala kuratur.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-atturi, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru, 2016, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, laqgħet it-talbiet tal-atturi, u wara li sabet li l-fondi soġġetti għall-qsim m'humiex komodament diviżibbli, ordnat: (i) li dawn jinbiegħu mhux qabel il-31 ta' Jannar, 2018 (jew qabel dakinhar, jekk tintemm il-kirja), u (ii) li l-bejgħ għandu jsir skont il-prezzijiet stmati mill-perit tekniku, bi kjarifika li "*l-fond 19, Triq il-Me[jjill]a, Qormi għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' €190,000 b'dan li l-konvenuta Carmen Mizzi tieħu $^{731}/_{2420}$ mir-rikavat tiegħu, filwaqt li s-sehem indiviż tal-kontendenti l-oħra jkun ta' $^{187}/_{2420}$ kull wieħed u waħda. Rigward il-fondi rimanenti l-partijiet għandhom jieħdu $^{1}/_{9}$ kull wieħed u waħda mir-rikavat tal-bejgħ tagħhom*";

2. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi din hija kawża fejn qed jintalab il-qsim tal-proprjetà li għandhom in komuni l-partijiet in segwitu tal-kontenut tar-rikors promotur. Ma hemmx wisq kontestazzjoni la fuq l-assi u lanqas fuq il-kwoti spettanti lill-partijiet. Jidher infatti li l-kontestazzjoni hija dovuta għall-allegazzjoni tal-konvenuta Mizzi li tippossjedi l-fond prinċipali b'titolu ta' komodat. Rigward il-kwoti hemm qbil dwarhom kif indikat fin-nota responsiva tal-konvenuta Mizzi (fol 205), u ċjoe' li l-istess Mizzi għandha 731/242 mill-fond 19, Triq il-Mejjilla, Qormi peress li wirtet sehem ħuha Nazju Cardona, (u fuq il-kumplament il-partijiet l-oħra*

*għandhom sehem indaqs, u fuq il-fondi l-oħra l-partijiet għandhom 1/9 kull wieħed u waħda.*

*Illi l-fondi soġġetti għad-diviżjoni huma s-segwenti:*

- *19, Triq il-Mejjilla, Qormi stmat mill-perit tekniku fis-somma ta' €190,000 bħala liberu u frank u €91,000 jekk okkupat minn Carmen Mizzi u żewġha;*

- *17, Triq il-Mejjilla, Qormi stmat €50,000;*

- *40, Triq il-Ħabbież, Qormi stmat €115,000.*

*Illi ma hemmx dubju li l-fondi m'humiex komodament diviżibbli. Fuq il-kwistjoni tal-allegat komodat din il-Qorti taqbel mal-atturi li m'għandhiex tieħu konjizzjoni tiegħu f'din il-kawża; kif qalet din il-Qorti fil-kawża msemija mill-atturi fin-nota tagħhom, fl-ismijiet "**Haber vs Miceli**" deċiża fit-30 t'Ottubru 2014:*

> *"Fis-sentenza li din il-Qorti tat fis-26 ta' Jannar 1939 fil-kawża "**Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca**" ngħad hekk dwar in-natura tal-azzjoni:-*
>
> > *' … il-Qorti tosserva li dik il-kwistjoni tidhol f'dil-kawża minħabba n-natura tal-azzjoni eżerċitata bit-taħrika, li hija l-actio familiae erciscundae li tolqot omne ius quod defunctus habuit, u għalhekk tikkomprendi l-kwistjonjiet kollha tal-wirt, u għaldaqstant fil-likwidazzjoni tikkomprendi wkoll il-kwistjonijiet tal-legati, tan-nullita' parzjali jew totali u tar-riduzzjoni tagħhom.'*
>
> *"Fis-sentenza li din il-Qorti tat fil-31 ta' Ottubru 1952 fil-kawża "**Vincenzo Attard vs Michelina Agius**" ingħad illi:-*
>
> > *'F'ġudizzju familiae erciscundae jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt u dana sal-punt li m'humiex permessi proċedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorju fuq sustanzi komponenti l-istess wirt.'*

*Din il-Qorti tinsisti fuq il-fehma tagħha illi l-kwistjoni ta' jekk Anthony Haber kienx prestanome inkella le, u l-kwistjoni jekk l-iskritturi esebiti kienux jiswew huma barra mill-parametri tal-kawża. Il-ġurisprudenza ċitata tisħaq illi l-azzjoni tikkomprendi l-kwistjonijiet kollha tal-wirt bħal eżami ta' legati. Madanakollu l-ġurisprudenza ma tippresupponix li trid issir investigazzjoni dwar kuntratti jew ftehim oħra. Li kieku hekk kien il-każ, kien ifisser illi l-Qorti jkollha tmur għall-assurd u qabel ma' tgħaddi biex tiddeċiedi dwar diviżjoni ta' wirt u likwidazzjoni ta' sehem riservat, tkun kostretta qabel xejn li tistħarreġ kull kuntratt li jkun sar, u kull allegazzjoni jew konġettura li tista' tisvolġi bejn il-kontenenti; dan mhuwiex ir-raison d'etre tal-azzjoni."*

> *Illi l-fond in kwistjoni allura għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz stmat mill-perit tekniku bħala liberu u frank, naturalment salv kull dritt spettanti lill-partijiet involuti*";

3. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin bħala "l-appellanti") ma qablux għal kollox mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u, għar-raġunijiet li tfissru fir-rikors tal-appell imressaq minnhom fis-27 ta' Ottubru, 2016, talbu lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tas-7 ta' Ottubru 2016, billi* ***A.*** *Fil-parti deċiżorja (deċide) fejn jingħad li "l-fondi soġġetti għall-qsim għandhom jinbiegħu mhux qabel il-31 ta' Jannar 2018, (jew qabel jekk tintemm il-kirja fuq imsemmija)", din il-limitazzjoni/tismija taż-żmien qabel ikun jista' jsir il-bejgħ għandha tapplika biss għall-fond "Nazju Garage", 40, Triq il-Ħabbież, Qormi u mhux għall-bejgħ b'liċitazzjoni taż-żewġ immobbli l-oħra mertu tal-kawża;* ***B.*** *Illi fejn fis-sentenza jingħad li "Rigward il-fondi rimanenti l-partijiet għandhom jieħdu 1/9 kull wieħed u waħda mir-rikavat tal-bejgħ tagħhom", ir-rikavat ikun ta' 1/10 u mhux 1/9 favur kull wieħed u waħda mill-partijiet; u* ***Ċ****. Fejn fis-sentenza jingħad "li l-fond 19, Triq il-Mellija, Qormi għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' €190,000 b'dan li l-konvenuta Carmen Mizzi tieħu 731/2420 mir-rikavat tiegħu, filwaqt li s-sehem indiviż tal-kontendenti l-oħra jkun ta' 187/2420 kull wieħed u waħda", il-kalkolu tal-ishma u allura l-qasma tar-rikavat mill-fond 19, Triq il-Mejjilla, Qormi jiġi ta' 73/242 għar-rigward il-konvenuta appellata Carmen Mizzi, u 169/2178 għar-rigward tal-kontendenti l-oħra, u tikkonfermaha fil-bqija, dankollu*

*taħt kull provvediment xieraq u opprotun li jogħġobha tagħti din il-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-appellati”*;

4. B’risposta mressqa fid-9 ta’ Novembru, 2016, l-imħarrkin Camela *sive* Carmen Mizzi, Joseph Mary *sive* Joseph Cardona, u John Mizzi *nomine* (minn issa ’l hemm imsejħin ukoll bħala “l-appellati”), wieġbu għal dan l-appell billi:

(i) Iddefendew is-sentenza appellata sa fejn ordnat li l-proprjetà immobbli m’għandhiex tinbiegħ qabel il-31 ta’ Jannar, 2018 (jew qabel jekk sadattant tintemm il-kirja);

(ii) Qablu mal-appellanti li r-rikavat mill-bejgħ tal-immobbli: (a) ‘17, Triq il-Mejjilla, Qormi’ u (b) il-fond ‘“*Nazju garage*”, 40, Triq il-Ħabbież, Qormi’, għandu jinqasam indaqs bejn l-għaxar partijiet; u

(iii) Qablu mal-appellanti li hemm żball matematiku fil-kwoti tar-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetà ‘19, Triq il-Mejjilla, Qormi’, madankollu ma qablux mal-kwoti suġġeriti mill-appellanti;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. B'dan l-appell, l-appellanti qegħdin iressqu **tliet aggravji** mill-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, li l-Qorti sejra tistħarriġhom fl-istess ordni li tqajmu fir-rikors tal-appell;

7. L-**ewwel aggravju** huwa dwar dik il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ordnat li l-immobbli: "*għandhom jinbiegħu mhux qabel il-31 ta' Jannar 2018, (jew qabel jekk tintemm il-kirja fuq imsemmija)*". Dwar dan, l-appellanti jfissru li l-Ewwel Qorti sejset din l-ordni fuq *verbal* konġunt li sar mill-avukati tal-partijiet, waqt is-smigħ tal-1 ta' Lulju, 2016, u li l-Ewwel Qorti rreferiet għalih fil-parti bikrija tas-sentenza appellata. Filwaqt li jargumentaw li dan il-*verbal* sar biss sa fejn għandu x'jaqsam il-ġid immobbli magħruf bħala *"Nazju Garage",* sabiex isaħħu dak li qed jgħidu, ifissru li dak il-verbal sar biss bl-għan li tissolva kwistjoni li tqajmet minn Carmen Mizzi dwar il-kirja ta' dak il-garaxx lil terzi. Jisħqu għalhekk li kull limitazzjoni ta' żmien għall-bejgħ b'liċitazzjoni, kellha ssir biss dwar dak il-garaxx u mhux ukoll dwar il-bqija tal-ġid immobbli;

8. L-appellati Camela *sive* Carmen Mizzi, Joseph Mary *sive* Joseph Cardona, u John Mizzi *nomine,* jirribattu li l-verbal tal-1 ta Lulju 2016 ma kienx jeskludi ż-żewġ fondi l-oħra, u għalhekk dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Jissottomettu li dak il-verbal jirrifletti sewwa l-ftehim li ntlaħaq f'dak is-smigħ, u sewwasew li l-bejgħ bis-subbasta tal-ġid immobbli kollu kellu jsir wara Jannar tas-sena 2018, biex b'hekk tilħaq tintemm il-kirja tal-garaxx magħruf bħala "*Nazju Garage*", li kellha tiskadi fil-31 ta' Jannar, 2018. Ifissru li r-raġuni għalfejn huma nsistew li l-bqija tal-proprjetà ma tinbiegħx qabel ma tintemm dik il-kirja, kienet għaliex huma riedu li jinbiegħ kollox f'daqqa, biex b'hekk, Carmen Mizzi tkun f'qagħda li jkollha biżżejjed fondi ħalli tieħu sehem fil-bejgħ bl-irkant tal-post 19, Triq il-Mejjilla, Qormi, li hija l-unika residenza tagħha;

9. Il-Qorti filwaqt li tosserva li llum-il ġurnata, dan l-aggravju ma fadallu l-ebda skop prattiku għaliex il-limitazzjoni imposta mill-Ewwel Qorti kienet biss sal-31 ta' Jannar, 2018,[1] u f'kull każ il-kirja tal-garaxx ilha li skadiet[2], madankollu, il-Qorti tqis li xorta waħda għandha tistħarreġ dan l-aggravju, u dan għall-għanijiet tal-kap tal-ispejjeż;

[1] Ara l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, f'paġna 228 tal-proċess.
[2] Skont kitba privata, datata 1 ta' Frar, 2016, il-kirja tal-garaxx bl-isem *"Nazju Garage",* kellha tiskadi fil-1 ta' Frar, 2018. (f'paġna 216 tal-proċess).

10. F'dan il-qafas, il-Qorti wara li rat il-verbal tal-1 ta' Lulju 2016[3], jidhrilha li ma tistax taqbel mal-appellanti. Kif intqal sewwa fit-tweġiba għall-appell, f'dak il-verbal, l-avukati tal-partijiet ma għamlux xi referenza speċifika lejn xi ġid partikolari iżda lejn "*il-propjetà in kwistjoni*". Kif jidher mis-sentenza appellata, din il-kawża ma kinitx biss dwar il-qasma tal-garaxx magħruf bħala "*Nazju garage*", iżda wkoll dwar żewġ proprjetajiet oħra[4]. Il-ġid '*in kwistjoni*' ma kienx għalhekk waħda, iżda tlieta;

11. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li dikjarazzjoni magħmula f'verbal ta' kawża twassal għal kważi-kuntratt ġudizzjali u b'hekk torbot lil kull min ikun għamilha[5]. L-avukat tal-atturi kien preżenti waqt li kien qiegħed jiġi dettat il-verbal tal-1 ta' Lulju, 2016, u għalhekk, jekk tassew ried jirreferi biss għall-garaxx bl-isem ta' '*Nazju Garage*', huwa kellu kull opportunità li jagħmel hekk. Terġa' u tgħid li jekk kien il-każ li l-klijenti awtorizzawh li jillimita dak il-verbal, b'referenza biss lejn il-proprjetà magħrufa bħala '*Nazju Garage*', l-avukat tal-appellanti kellu wkoll iċ-ċans li jreġġa' lura dik id-dikjarazzjoni li għamel, u dan bil-mod ta' kif imfisser fl-Artikolu 695 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma sar xejn minn dan, u għalhekk m'huwiex sewwa li l-appellanti qegħdin issa jikkritikaw lill-Ewwel Qorti għaliex fasslet is-sentenza tagħha fuq dak li kien verbalizzat bi qbil

[3] F'paġna 208 tal-proċess
[4] Ara paġna 7 tas-sentenza appellata, f'paġna 226 tal-proċess.
[5] Ara ***'Yorgen Fenech v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et.'**,* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-**18 ta' Lulju, 2022** (Rik. 233/2019/1) §10, u ***'Mary Virginia Grech v. Catania & Sons Limited'***, deċiża minn din il-Qorti fit-**23 ta' Novembru, 2020** (App. 488/2011/1) §14.

mill-avukati tal-partijiet. Fuq kollox, il-verbal tal-1 ta' Lulju, 2016, sar quddiem l-Ewwel Qorti u dik il-Qorti kienet f'qagħda aħjar minn din il-Qorti biex tkun taf x'kienu sewwasew iċ-ċirkostanzi li dwarhom sar dak il-verbal. Din il-Qorti tista' toqgħod biss fuq dak li hemm fl-atti, u ġaladarba d-dikjarazzjoni fil-verbal saret f'sens wiesa' u vag, l-appellanti ma jistgħux issa jiġu jgħidu li dak il-verbal sar biss b'riferenza għal proprjetà waħda u mhux b'referenza għall-ġid kollu li dwaru nfetħet din il-kawża;

12. L-ewwel aggravju qiegħed jiġi għalhekk **miċħud**;

13. It-**tieni aggravju** huwa mbagħad dwar dik il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li fiha tfisser kif għandu jinqasam id-dħul mill-bejgħ tal-immobbli bin-numru '17 fi Triq il-Mejjilla Qormi', u l-fond magħruf bħala "*Nazju garage*". Dwar dan, l-appellanti jfissru li l-werrieta huma għaxra b'kollox u mhux disgħa, u għalhekk id-dħul mill-bejgħ ta' dak il-ġid immobbli għandu jinqasam fl-ishma ta' sehem minn għaxra ($^{1}/_{10}$) għal kull wieħed u waħda minnhom u mhux bir-rata ta' sehem minn disgħa ($^{1}/_{9}$) kif konkluż mill-ewwel Qorti;

14. Fit-tweġiba għall-appell tniżżel li hemm qbil li l-werrieta huma għaxra (10) u mhux disgħa (9) u li għalhekk id-dħul mill-bejgħ tal-fondi bin-numru '17 fi Triq il-Mejjilla Qormi' u dak magħruf bħala "*Nazju*

*garage*", tassew għandu jinqasam fl-ishma ta' $^{1}/_{10}$ u mhux f'dak ta' $^{1}/_{9}$. Jgħidu però li dan kien biss żball ta' kalkolu min-naħa tal-ewwel Qorti, u peress li dan seta' jissewwa b''sempliċi rikors' taħt l-Artikolu 825(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, huma m'għandhomx ibatu l-ispejjeż għal dan l-aggravju;

15. Ftit li xejn hemm x'jingħad dwar dan l-aggravju, għajr li huwa bil-wisq ċar li dan huwa tassew żball ġenwin ta' kalkolu u li tabilħaqq seta' faċilment jissewwa bir-rimedju mogħti taħt l-Artikolu 825(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. In-nuqqas min-naħa tal-appellanti li jirrikorru għar-rimedju taħt dak l-artikolu ma jnaqqas xejn però mill-jedd tagħhom li jitolbu lil din il-Qorti biex tikkoreġi hija stess l-iżball imsemmi minnhom. Tassew, hemm bosta sentenzi ta' din il-Qorti li fihom ingħad li m'hemm xejn fil-liġi milli jżomm lil din il-Qorti milli tikkoreġi żbalji ta' din ix-xorta[6]. Min-naħa l-oħra, huwa però mifhum li f'ċirkostanzi bħal dawn, huma l-appellanti stess li għandhom jeħlu l-ispejjeż ta' aggravju ta' din ix-xorta[7]. Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt li qed **tilqa'** it-tieni aggravju ser tkun qed tiżgura li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-aggravju jintrefgħu mill-appellanti stess;

---

[6] Ara b'eżempju ***'Carmlu Limited v. Joseph Cachia'***, deċiża fid-**29 ta' Marzu, 2019** (App. 766/2006/1).

[7] Ara ***'Doreen Galea Souchet v. Joseph Farrugia pro. et. noe. et.'*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023** (App. 1632/1995/2) §38.

16. Jifdal **<u>it-tielet aggravju</u>** li huwa dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha ngħad li "*l-fond 19, Triq il-Me[jjill]a, Qormi għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' €190,000 b'dan li l-konvenuta Carmen Mizzi tieħu 731/2420 mir-rikavat tiegħu, filwaqt li s-sehem inidiviż tal-kontendenti l-oħra jkun ta' 187/2420 kull wieħed u waħda*". Ifissru li hawnhekk, l-Ewwel Qorti żbaljat għaliex jekk wieħed iżid is-sehem ta' Carmen Mizzi flimkien ma' dak tal-bqija tal-partijiet, il-figura ma tammontax għal '2420'. Iżidu li, f'kull każ, l-ishma stabbiliti mill-Ewwel Qorti ma jirriflettux dak li hemm fl-atti u jgħidu li mill-atti jirriżulta li l-kalkolu korrett tal-ishma dwar il-fond bin-numru '19, fi Triq il-Mejjilla, Qormi', għandu jkun ta' tlieta u sebgħin sehem minn mitejn u tnejn u erbgħin ($^{\mathbf{73}}/_{\mathbf{242}}$) għall-appellata Carmen Mizzi u mija u disgħa u sittin sehem minn elfejn mija u tmienja u sebgħin ($^{\mathbf{169}}/_{\mathbf{2178}}$) għal kull wieħed u waħda mill-bqija tal-partijiet;

17. L-appellati Camela *sive* Carmen Mizzi, Joseph Mary *sive* Joseph Cardona, u John Mizzi *nomine,* filwaqt li qegħdin jaqblu li hemm żball, jissottomettu li anke dan l-iżball seta' jiġi faċilment imsewwi bil-mod misjub fl-Artikolu 825(1) tal-Kap 12, u għalhekk huma l-appellanti li għandhom ibatu l-ispejjeż b'rabta ma' dan l-aggravju. Jgħidu però li ishma m'għandhomx ikunu dawk li tniżżlu fir-rikors tal-appell, iżda għandhom jiġu stabbiliti bir-rati ta' seba' mija u wieħed u tletin sehem minn elfejn erba' mija u għoxrin ($^{731}/_{2420}$) għal Carmen Mizzi u l-bilanċ ta' elf sitt mija

u disgħa u tmenin sehem minn elfejn erba' mija u għoxrin ($^{1689}/_{2420}$) għandu jinqasam indaqs bejn il-bqija tal-kontendenti;

18. Il-Qorti wara li rat sewwa l-atti, tqis li dan mhuwiex sempliċi żball ta' kalkolu bħalma qed jissuġġerrixxu l-appellati, iżda huwa żball li ġej minn nuqqas ta' apprezzament tajjeb min-naħa tal-Ewwel Qorti tal-provi li hemm fl-atti. Kif sewwa qed jgħidu l-appellanti, l-ishma msemmija mill-Ewwel Qorti m'humiex imsejsa fuq dak li jirriżulta mill-provi, iżda fuq dak li tniżżel fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' Camela *sive* Carmen Mizzi[8]. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li dak li jingħad fis-sottomissjonijiet m'għandux jitqies bħala prova, u dak li jirriżulta mill-provi huwa mod ieħor. Tabilħaqq f'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa u datat 6 ta' Diċembru, 2011, il-partijiet f'din il-kawża stqarrew li "*il-mejjet **Paul Cardona** kien jipposjedi f'jum mewtu **wieħed u sittin minn mija wieħed u għoxrin (61/121) sehem indiviż** mid-dar tal-abitazzjoni tiegħu, f'Ħal Qormi, Triq il-Mejjilla, numru dsatax (19), li ġġib l-isem ta' 'Casa Cardona', u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha*"[9]. Fuq l-istess att, il-partijiet kollha minbarra Carmen Mizzi, qiegħdu fil-pussess lil din tal-aħħar tal-"*prelegat ta' wieħed u sittin mitejn tnejn u erbgħin **(61/242) sehem indiviż** tad-dar f'Ħal Qormi, Triq il-Mejjilla, numru dsatax (19) li ġġib l-isem ta' 'Casa Cardona', u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha*

[8] Ara it-tielet paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' Carmen Mizzi f'paġna 205 tal-proċess.
[9] Ara 'Dok I', f'paġna 30 tal-proċess.

*tagħha*"[10]. Hekk ukoll Carmen Mizzi, qiegħdet fil-pussess lid-disa' ħutha, ilkoll partijiet f'din il-kawża, tal-"*legat ta' wieħed u sittin minn mitejn tnejn u erbgħin* ***(61/242) sehem indiviż*** *tad-dar f'Ħal Qormi, Triq il-Mejjilla, numru dsatax (19) li ġġib l-isem ta' 'Casa Cardona', u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha*"[11]. Meta wieħed jaqsam is-sehem ta' $^{61}/_{242}$ f'disa' (9) ishma ndaqs jiġi li, bl-eċċezzjoni ta' Carmen Mizzi, il-bqija tal-kontendenti ħadu mingħand missierhom Paul Cardona is-sehem mhux maqsum ta' wieħed u sittin sehem minn elfejn mija u tmienja u sebgħin ( $^{61}/_{2178}$) kull wieħed u waħda minnhom[12]. Min-naħa l-oħra, diġà rajna li l-partijiet qablu li Carmen Mizzi ħadet is-sehem mhux maqsum ta'wieħed u sittin minn mitejn u tnejn u erbgħin ($^{61}/_{242}$)[13];

19. Ladarba fil-kuntratt tas-6 ta' Diċembru, 2011, il-partijiet stqarrew li f'jum il-mewt ta' missierhom, dan kellu s-sehem ta' $^{61}/_{121}$ mhux maqsum mill-fond *'19, Triq il-Mejjilla, Qormi'*, u mill-atti jirriżulta li sa dakinhar huma kienu diġà wirtu s-sehem ta' ommhom u ta' ħuhom Ignazio Cardona minn dak l-istess fond[14], mela allura jsegwi li bis-saħħa tal-wirt ta' ommhom u ta' ħuhom Nazju, huma diġà kellhom bejniethom is-sehem ta' sittin minn mija u wieħed u għoxrin ($^{60}/_{121}$) mhux maqsuma. Jekk dan is-sehem jinqasam bejn għaxra (10), u sewwasew in-numru tal-kontendenti f'din il-

---

[10] *Ibid*.
[11] *Ibid*.
[12] 61/242 ÷ 9 = 61/2178.
[13] Ara 'Dok I', f'paġna 30 tal-proċess.
[14] Ara pereżempju l-affidavit ta' Ludgarda Cachia, f'paġna 102 tal-proċess.

kawża, jirriżulta mbagħad li qabel ma miet missierhom Paul Cardona, il-partijiet f'din il-kawża diġà kellhom is-sehem ta' sitta minn mija u wieħed u għoxrin ($^{6}/_{121}$) kull wieħed, b'Carmen Mizzi magħduda;

20. Jekk wieħed imbagħad iżid is-sehem ta' $^{6}/_{121}$ mas-sehem ta' $^{61}/_{2178}$[15], għandu jirriżulta li **kull wieħed u waħda mill-kontendenti (bl-eċċezzjoni ta' Carmen Mizzi)** għandhom is-sehem ta' **$^{169}/_{2178}$**, li jiġi bl-eżatt is-sehem imsemmi mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom;

21. Hekk ukoll, jekk wieħed iżid is-sehem ta' $^{6}/_{121}$ mas-sehem ta' $^{61}/_{242}$[16], għandu jirriżulta li **Carmen Mizzi** tassew għandha s-sehem ta' **$^{73}/_{242}$**, u dan bħalma tajjeb qegħdin jgħidu l-appellanti fir-rikors tal-appell. Ta' min jgħid ukoll li għalkemm Carmen Mizzi flimkien ma' Joseph Mary *sive* Joseph Cardona, u John Mizzi *nomine,* qegħdin jgħidu li Carmen Mizzi għandha s-sehem ta' '731/2420', b'ittra datata 18 ta' April 2012, l-avukat tal-appellata Carmen Mizzi, li qiegħed ukoll jidher għal Carmen Mizzi f'din il-kawża, kien huwa stess li ħareġ bl-istqarrija li s-sehem tal-klijenta tiegħu u ċjoè Carmen Mizzi, mill-fond bl-indirizz ta' '*19, Triq il-Mejjilla, Qormi'*, huwa f' ***"total ta' 73/242***"[17];

[15] Paragrafu 18, *supra.*
[16] *Ibid*.
[17] Ara **'Dok CM6'** f'paġna 86 tal-proċess.

22. It-tielet aggravju huwa għalhekk mistħoqq u qiegħed **jintlaqa'**;

***Deċide:***

23. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** tal-atturi u b'hekk qiegħda **<u>tirriforma</u>** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) **tħassarha** f'dik il-parti li fiha jingħad li "*Rigward il-fondi rimanenti l-partijiet għandhom jieħdu* $^{1}/_{9}$ *kull wieħed u waħda mir-rikavat tal-bejgħ tagħhom*" u minflok **tiddikjara li r-rikavat mill-bejgħ tal-fond bl-indirizz '17 Triq il-Mejjilla, Qormi', u l-fond magħruf bħala "*Nazju garage*", bl-indirizz ta' '40, Triq il-Ħabbież, Qormi', għandu jinqasam fis-sehem indaqs ta' sehem minn għaxra ($^{1}/_{10}$) għal kull wieħed u waħda mill-partijiet**; u

(ii) **tħassarha** f'dik il-parti li fiha jingħad li "*l-fond 19, Triq il-Me[jjill]a, Qormi għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' €190,000 b'dan li l-konvenuta Carmen Mizzi tieħu 731/2420 mir-rikavat tiegħu, filwaqt li s-sehem indiviż tal-kontendenti l-oħra jkun ta' 187/2420 kull wieħed u waħda*" u minflok **tiddikjara li l-fond 19, Triq il-Mejjilla, Qormi**

**għandu jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' €190,000 b'dan li l-konvenuta Carmen Mizzi għandha tieħu s-sehem ta' $^{73}/_{242}$ mir-rikavat tiegħu, filwaqt li l-bqija tal-kontendenti għandhom kull wieħed u waħda minnhom jieħdu s-sehem ta' $^{169}/_{2178}$**; u

(iii) **mill-bqija tikkonfermaha** sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza, magħdud il-kap tal-ispejjeż.

**L-ispejjeż** kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu hekk: żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellanti *in solidum*, u t-terz ($^{1}/_{3}$) l-ieħor għandu jitħallas minn Camela *sive* Carmen Mizzi, Joseph Mary *sive* Joseph Cardona, u John Mizzi *nomine,* solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da